Received 6/1/21

FIT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

Wara l-avviż maħrug mill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-artikoli 95, 97 u 100 tal-Att tal-2016 Dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq maħrug fil-21 ta' Dicembru, 2020, bir-riferenza numru EC/00158/20:

**Carmen Zammit Grech ta' 23, La Rondinella, Wesgha Reggie Miller, Fgura - K.I. Nru: 117362(M). Anthony sive Antoine Grech ta' 27A, Nashville, Triq il-Kampanella, Fgura - K.I. Nru: 156660(M), 2. Joseph Grech ta' 36, Casa Cassia, Triq it-Taghlim, Fgura - K.I. Nru: 271165(M), Rita Grech ta' 131, Regina, Triq San Tumas, Fgura - K.I. Nru: 397656(M), Concetta sive Connie Scerri ta' 27, Iz-Zernieq, Triq il-Kampanella, Fgura - K.I. Nru: 123764(M), Regina siva Romina Cutajar ta' 64, Massabielle, Triq it-Taghlim, Fgura - K.I. Nru: 48170(M)**

vs

**Awtoritá tal-Ippjanar**

**RIKORS TAL-APPELL** ta' Carmen Zammit Grech ta' 23, La Rondinella, Wesgha Reggie Miller, Fgura - K.I. Nru: 117362(M), Anthony sive Antoine Grech ta' 27A, Nashville, Triq il-Kampanella, Fgura - K.I. Nru: 156660(M), 2. Joseph Grech ta' 36, Casa Cassia, Triq it-Taghlim, Fgura - K.I. Nru: 271165(M), Rita Grech ta' 131, Regina, Triq San Tumas, Fgura - K.I. Nru: 397656(M), Concetta sive Connie Scerri ta' 27, Iz-Zernieq, Triq il-Kampanella, Fgura - K.I. Nru: 123764(M), Regina siva Romina Cutajar ta' 64, Massabielle, Triq it-Taghlim, Fgura - K.I. Nru: 48170(M)

**Jesponu bir-rispett ILLI:**

INTRODUZZJONI

1. L-esponenti saru jafu b'dan l-avviż fil-21 ta' Diċembru 2020, kopja ta' liema jinsab hawn anness u mmarkat bħala **Dok. 'A'**.

2. L-esponenti qiegħdin iressqu dan l-umili appell minn dan l-avviż, għaliex fil-fehma tagħhom dan huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u hemm lok sabiex din id-deċiżjoni tiġi revokata.

L-EWWEL AGGRAVVJU

3. L-esponenti huma s-sidien ta' terazzin li jinsab fuq l-arja ta' *żewġ garages* wara l-mezzanin numru 21, Triq Hompesch, Fgura. Filwaqt li l-mezzanin innifsu kien jappartjeni lil ċertu Joseph Grech. Kemm il-mezzanin kif ukoll it-terrazzin li huma mniffdin kienu mirkija lil Bernardetta Gatt (K.I. Nru: 128234(M)) li mietet fil-21 ta' Ottubru, 2019. Minn hawn jitwieled **l-ewwel aggravvju**. L-esponenti ma għandhom l-ebda titolu u/jew responsabbiltà tal-mezzanin li dwar ħarġet l-*enforcement notice*, in kwantu mhux biss din tappartjeni lil ħaddieħor, iżda saħansitra huma mċaħħda milli jaċċedu għaliha. Dwar dan, tajjeb li wieħed jinnota dak li jgħid l-Att ta' Diviżjoni tal-5 ta' Gunju, 2009 (in atti Nutar Dottor Ivan Barbara) senjatament klawsola numru 3, pagna 27:

*"Qiegħed jigi dikajrat mill-partijiet kollha illi l-mezzanin numru wieħed u għoxrin (21), fi Triq Hompesch, Fgura, qiegħed jgi assenjat lil Joseph Grech kif markat fuq pjanta annessa ma' dana l-att u markata dokument "A". Il-komparenti Joseph Grech jobbliga ruħu illi malli tispicca l-kirja prezenti ikun irid jagħlaq l-access li minn dan il-fond jagħti għaz-zewg kmamar ta' wara, u l-propjetarji taz-zewg kmamar jintrabtu illi u ma jutilizzawx kwalunkwe forma ta' access għaz-zewg ikmamar mill-fond numru wieħed u għoxrin (21), fi Triq Hompesch, Fgura."*

4. Għaldaqstant, b'riferenza għall-punti wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4) u sitta (6) tal-Avviż fl-Avviż appellat, l-esponenti ma humiex responsabbli għal kwalunkwe illegalitajiet li jista' hemm fil-fond numru 21, fi Triq Hompesch, il-Fgura, u lanqas għandhom kontrol tagħhom, b'dana għalhekk illi ma għandhomx ikunu soġġetti għal Avviż bħal dak odjern, u f'dan ir-rispett, id-deċiżjoni gżandha tkun revokata.

5. Imbagħad, l-unika parti mill-*enforcement notice* ta' konċern għall-esponenti hija l-punt numru ħamsa, li jirreferi għal struttura allegatament fuq dawn iż-żewġt garaxxijiet li kienu żammew huma (fl-Avviż: '*Kamra li tintuza bhala kamra tas-sodda u terazzin fuq in-naha ta' wara fl-ewwel sular*'). Iżda hawn ukoll, l-esponenti ma humiex responsabbli għal tali illegalitajiet – dan joħloq **it-tieni aggravvju**.

IT-TIENI AGGRAVVJU

6. Jirriżulta illi L-istess Joseph Grech imsemmi fl-aggravvju ta' qabel dan kien biegħ il-mezzanin bin-numru 51, fi Triq Hompesch, il-Fgura lil ċertu Anthony Cumbo (K.I. Nru:702958(M)).

7. Fil-prezent jinsabu jirrisjedu jew altrimenti reġistrati fuq l-istess proprjeta` uliedha Richard Azzopardi (K.I. Nru: 226051(M) u oħtu Maria-Anna Mizzi (K.I. Nru. 767754(M)) kif ukoll żewġha Tancred Mizzi (K.I. Nru. 521552(M)) u binhom Bernard Mizzi (K.I. Nru: 68194(M)) preżumibilment taħt xi titolu ta' kera. Li ġara huwa illi dawn l-okkuppanti jidhru li qabdu okkupaw it-terazzin li jinsab fuq il-garaxxijiet proprjetá tal-esponenti, minghajr permess tal-esponenti. Mhux hekk biss, talli saħansitra f'xi stadju, ġew mibnija żewġt ikmamar fuq l-arja proprjetà tal-esponenti (vide - fl-Avviż: '*Kamra li tintuza bhala kamra tas-sodda u terazzin fuq in-naha ta' wara fl-ewwel sular*') ukoll mingħajr il-permess tagħhom.

8. Ferm qabel sar l-avviż li qed jiġi l-appellat, u ċioe' fit-22 ta' Jannar 2020 (l-Avviż ħareġ ħdax-il xahar wara), l-esponenti urew in-nuqqas ta' approvazzjoni tagħhom għal dan il-bini illegali, u bagħtu ittra legali lill-okkuppanti sabiex jiżgumbraw mill-fond. Jiġi mtenni għalhekk illi rigward iż-żewġt ikmamar mibnija fuq it-terazzin tal-esponenti, l-esponenti assolutament ma għandhom l-ebda responsabbiltà u kontroll għall-bini illegali, ma kinux huma li għamluhom, u saħansitra huma wrew id-diżapprovazzjoni tagħhom għalihom madwar sena ilu, u saħansitra għamlu interpellazzjoni legali għal dan il-għan. Ma għandhomx għalhekk isofru l-avviż kontra tagħhom.

KONKLUŻJONI

9. In konklużjoni, jingħad illi d-deċiżjoni komunikata fil-21 ta' Diċembru 2020 ma għandix siwi, u jixraqilha tiġi revokata, għas-segwenti raġunijiet, kif aħjar spjegati f'dan l-appell:

- Dwar il-punti numri wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4) u sitta (6) tal-Avviż, id-deċiżjoni komunikata fil-21 ta' Diċembru 2020 għandha tiġi revokata minħabba li l-esponenti ma humiex la proprjetarji u lanqas okkupanti tal-ambjenti fejn fih allegatament inbnew l-illegalitajiet; u

- Dwar il-punt numru ħamsa (5), l-esponenti huma l-vittma ta' aġir ta' ħaddieħor, liema aġir mhux talli ma humiex responsabbli għalih u ma għandhomx kontroll fuqu, iżda saħansitra huma jiċċensuraw u pruvaw iwaqqafu.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost u filwaqt li tirriserva li tressaq raġunijiet, provi u sottomossjonijiet ulterjuri skont il-każ, l-appellanti jitolbu li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jilqa l-appell u dan billi jħassar u jirrevoka l-avviż biex tieqaf u ta' twettiq maħruġ fil-21 ta' Diċembru, 2020, bir-riferenza numru EC/00158/20, bl-ispejjeż kontra l-Awtoritá appellata.

Lista ta' Dokumenti

**Dok. 'A'** – Avviż skont l-artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp avviż biex tieqaf u ta' twettiq:

Xhieda

L-appellanti;
L-okkuppanti tal-fond mertu tal-appell;
Sidien preċedenti;
Nutara, biex jikkonferma ir-riċerki u jixhdu;
Ġara tal-fond;
Xhieda oħra, skont il-bżonn.

Av. Yanika Zammit Tabona

Av. Carlos Bugeja